# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1536/00mm**

**Cycle World Limited**

**vs**

**Edward Agius**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm387.32) dovuta lis-socjeta' attrici bhala bilanc ta' prezz ta'

mutur tal-ghamla Peugeot scooter bin-numru tar-registrazzjoni GAS-101 mibjugh lill-konvenut, prevja dikjarazzjoni mill-Qorti, jekk hemm bzonn, illi l-konvenut ddekada mill-beneficcju tat-teminu skond il-ftehim bejn il-kontendenti datat 22 ta' Gunju, 1999.

Bl-ispejjez,  komprizi dawk tal-ittra intelpellatorja tad-29 ta’ Settembru, 2000, u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-25 ta’ April, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.